**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**Vs**

**Renald Hayman**

**Kumpilazzjoni Numru: 1161/2012**

**Illum 22 ta' April, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Renald Hayman ta' 30 sena, iben missier mhux maghruf u Anna Hayman, imwieled nhar it-13 ta' Novembru 1981 gewwa l-Pieta', detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 4182M u residenti 199, Flt 1, Triq iz-Zewg Mini, L-Isla talli:

Nhar it-3 ta' Novembru 2012 ghall-habta tas-7.15am fi Triq Carmelo De Lucca San Pawl il-Bahar volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-dannu ta' Rodianne pace u jew persuni ohra.

U akkuzat talli nhar it-3 ta' Novembru 2012 ghall-habta tas-7.15am fi Triq Carmelo De Lucca San Pawl il-Bahar u f'dawn il-gzejjer fil-granet u xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Rodianne Pace biza' li se tintuza' vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-

persuna jew proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ai termini tal-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Rodianne Pace, u jew b'mod li messu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal immsemmija Rodianne Pace u dan ai termini tal-artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u fis-16 ta' Settembru 2012 u f'dawn il-gzejjer fil-granet u fix-xhur ta' qabel b'disversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ghamel ingurji u jew theddi bil-fomm lil martu Rodianne Pace u dan ai termini tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli wkoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli wkoll fis-16 ta' Settembru 2012 f'dawn il-gzejjer garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai termini tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex tahseb ghas-sigurta' tal-vittma billi tul il-proceduri taghti ordni ta' protezzjoni skont kif hemm mahsub fl-artikolu 412C tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti ntalbet sabiex tahseb ghas-sigurta' tal-vittma billi tordna garanzija ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 ghal dak il-perjodu li jidhrilha xieraq skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda.

Rat li waqt l-udjenza tallum  mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-

ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fatt li ghamel tajjeb ghall-hsara kagunata u l-fatt li Rodianne Pace xehdet li m'ghadx ghandha aktar interess fil-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 325(1)(d), 251A, 251B, 339(1)(e), 338(dd) ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Inoltre' tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €116.47. L-imputat qieghed jinghata zmien sitt (6) xhur ghall-hlas tal-multa.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Rodianne Pace u familjari taghha.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ghat-talba ghall-hlas ta' esperti billi ma rrizultax li kien hemm nominati esperti.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma jottemperax ruhha ma' din is-sentenza.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Ufficcju tad-Direttur tal-Probation.

Kopja ta' din is-sentenza u ta' l-atti ghandhom jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

Magistrat Josette Demicoli